# FIL-PRIM’ AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 28 t’April 2025**

**Fl-atti tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju numru 932/2024 AB fl-ismijiet u wara d-digriet ta’ din l-istess Qorti tat-13 ta’ Novembru 2024 fl-atti tar-rikors revoka numru 1003/2024:**

**John Vella (KI 3468G)**
**vs.**
**Victor Sant (KI 801254M)**

**Rikors numru 159/2025 ta’ Victor Sant fis-sensi tal-artikolu 836(1)(ċ)(e) u (f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta:**

**Il-Qorti**

1. Rat ir-rikors tas-sekwestrat Victor Sant fejn ai termini tal-artikolu **836(1)(ċ)(e) u (f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta** talab li:

    i. Tawtorizzah jiżbanka l-ammont ta’ €37,000 rappreżentanti parti minn somma ta’ €62,000 li kienet ġiet depożitata permezz ta’ ċedola ta’ depożitu bin-numru 1351/2024 u dan wara li din il-Qorti, b’digriet tat-13 ta’ Novembru 2024 fl-atti tar-rikors revoka numru 1003/2024, kienet ordnat li l-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju (numru 932/2024 AD) u l-effetti tiegħu kellhom jinżammu fis-seħħ biss u limitatament sal-ammont ta’ €25,000 filwaqt li l-istess mandat ta’ sekwestru u l-effetti tiegħu kellhom jistqiesu revokati fir-rigward ta’ kwalunkwe somma l-fuq minn din; u
    ii. Stante li l-ammont bilanċjali ta’ €25,000 li baqgħu depożitati taħt l-Awtorita ta’ din il-Qorti kien ikopri ben tajjeb il-pretensjoni

tas-sekwestrant, tordna r-revoka *contrario imperio* tal-mandat kawtelatorju bin-numru 932/2024.

2. Rat ir-risposta tas-sekwestrant John Vella fejn wieġeb li in vista tad-digriet ta' din il-Qorti tat-13 ta' Novembru 2024, kif ukoll li l-ammont depożitat kien jikkawtela l-ammont kif ridott mill-Qorti, huwa ma kellu ebda oġġezzjoni li t-talbiet kontenut fir-rikors jiġu milqugħa b'dan però li l-imsemmi ammont ta' €25,000 kellu jibqa' depożitat taħt l-Awtorita ta' din il-Qorti sakemm ikun hemm deċiżjoni finali u definittiva b'rabta mat-talba fil-meritu tal-kawża fl-ismijiet premessi, numru 616/2024AB.

3. Qieset li fid-dawl ta' kif żvolġew il-fatti f'dawn il-proċeduri imsemmija, kif ukoll ġaladarba t-talba ma ġietx opposta interament mill-intimat,

**Wara li rat l-art 836(1)(e) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tilqa' t-talba tar-rikorrent in parte billi:**

(a) tawtorizza lir-rikorrent sabiex **jiżbanka l-ammont ta' sebgħa u tletin elf euro (€37,000) mis-somma ta' €62,000 li kienet ġiet depożitata mill-APS Bank Limited taħt l-Awtorita ta' din il-Qorti permezz ta' ċedola ta' depożitu bin-numru 1351/2024 u dan sabiex fl-istess ċedola ta' depożitu jibqgħu depożitati u sekwestrati b'mod kawtelatorju l-ammont ta' ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000);**

(b) **tordna li l-effetti tal-mandat tas-sekwestru de quo jibqgħu fis-seħħ sal-ammont ta' ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000) biss fil-konfront tar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali filwaqt li l-effetti tal-istess mandat jitħassru fir-rigward tal-kumplament tas-sekwestratarji l-oħra u dan sabiex ebda parti f'dawn il-proċeduri ma tkun tista' tirtira jew tiżbanka flejjes mill-ammont ta' ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000) depożitati biċ-ċedola ta' depożitu bin-numru 1351/2024 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru f'dawn il-proċeduri u dan sakemm jiġi deċiż b'mod finali u konklussiv ir-rikors numru 616/2024AB, li hemm pendenti bejn il-partijiet.**

**Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura jinqasmu nofs b'nofs bejn il-kontendenti.**

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**